# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2016**

**Rikors Numru 363/15 FDP**

**Bank of Valletta p.l.c**
**(C 2833)**

**vs**

**Rodrick Vassallo**
**(ID 101090M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Dicembru 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef, disgha mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u sebghin centezmi (€7,982.79) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-"loan account" ta' l-intimat mas-socjeta rikorrenti kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax mill-15 ta' Awissu 2015 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz ta' l-procedura tal-affissjoni fit-18 ta' Frar 2016 gewwa l-Kunsill Lokali tax-Xghajra, l-Ghassa tal-Pulizija tax-Xghajra u fl-indirizz ta' l-intimat gewwa x-Xghajra (fol 28), kif ukoll permezz ta'

pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Marzu 2016 (fol 29) u fil-gazzetta The Malta Independent tas-6 ta' April 2016 (fol 32) u l-Orizzont tas 7 ta' April 2016 (fol 33).

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' April, 2016 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 5).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lir-rappresentanta tas-socjeta rikorrenti tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, disgha mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u sebghin centezmi (€7,982.79) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**